MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2009

Numru 1009/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**versus**

**Raymond Micallef u**
**Vincent Micallef**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Raymond Micallef ta’ 45 sena ta’ nazzjonalita’ Maltija iben Frankie u Mary nee Aquilina mwieled Tas-Sliema fil-21 ta’ Jannar 1959 u residenti 123 Triq il-Mediterran Pembroke u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 86459 (M)

U

Vincent Micallef ta’ 32 sena ta’ nazzjonalita’ Maltija, iben Frankie u Mary nee Aquilina, imwieled il-Pieta’ fl-10 ta’ Settembru, 1975 residenti 25 Triq San Ġwann Battista, Sliema detentur tal-akrta tal-identita’ bin-numru 427675 (M)

Akkużati talli fl-4 t’Ottubru, 2004 u fil-jiem ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer u cioe’ ġewwa l-fond immarkat Huggins Pub ġewwa Triq id-Dragonara Paceville Malta impjegaw jew taw xogħol lil persuna li ma kenitx persuna eżenti I li ma kellhiex liċenzja mogħtija lilha għal dak l-impieg jew xogħol skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi bħala l-prinċipal jew persuna li timpjega persuni oħra, whole time, part time jew xort’oħra b’kuntratt definit jew indefinite jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b’dan l-impieg kif hemm fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-Twelid tal-imputati bin-numri 864 tas-sena 1959 u 4276 tal-1975, il-fedini penali taż-żewġ imputati, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputati sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji a fol.26 u 27, id-dikjarazzjoni li għamlet id-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ x-xhieda dwar il-liberta’ li bih saru l-istqarrijiet kif ukoll dwar ix-xhieda tal-identita’ tal-imputat, tal-proċess, iż-żewġ stqarrijiet tal-imputati a fol.31 u 33 et, id-dokumenti JD u JD 1 a fol.44 u 45, id-dikjarazzjoni magħmula a fol.46 li fil-konfront ta’ Vincent Micallef l-imputazzjonijiet kienu preskritti għaliex dam biex jiġi notifikat u id-dokument immarkat RM a fol 51 u d-dokument li jinsab a fol.52.

3. Mix-xhieda ta’ Denise Miruzzi Mula jirriżulta fl-4 ta’ Ottubru 2004, il-Pulizija tat-Taqsima tal-Immigrazzjoni kienu marru fil-Huggins Pub Paceville u sabu lil persuna ta’ nazzjonalita’ Ingliża –Bradley Stephen Graham li kien EU national. L-imputati kienu qalu lill-Ispettur li Stephen Bradley Graham kien qiegħed hemm peress li ien bi ħsiebhom jagħmlu xi negozju miegħu aktar ‘il quddiem u

kien hemm josservahom fix-xogħol tagħhom. Huma kienu ser jiftħu xi bar il-Waterfront u kien qiegħed hemm biex jara kif taħdem is-sistema. Il-Pulizija kien għarrfu lill-Ispettur li filfatt dna kien iservi drinks minn wara l-bar.

4. Fl-istqarrija tiegħu Vincent Micallef stqarr li hu kien Manager tal-Huggins Pub iżda ma kienx fil-post meta marru l-Pulizija. Lil Stephen Bradley kien ilu jafu xi ġimagħtejn u qatt ma kien ħariġlu paga. Kull meta l-imputat kien fil-bar, Stephen Bradley qatt ma ta daqqa t'id. L-imputat kien jaf lil Stephen Bradley għaliex kienu ser jiftħu xi abr il-Waterfront.

5. Min-naħa l-oħra Raymond Micallef stqarr li hu direttur tal-Kumpanija Falcon Leisure Limited u Night Owl Limited u sid il-Huggins' Bar. Huwa ċaħad li kien hemm xi barranin jaħdmu miegħu. Stephen Bradley kien qed jara s-sistema kif taħdem. Missier Stephen Bradley kien sr jorħoġ xi flus lit-tifel sabeix flimkien ma' Raymond Micallef setgħu jagħmlu business flimkien billi jiftħu bar fil-Waterfront Valletta. Huwa qal li Stephen Bradley kien wara l-bar iżda kien qed josserva u mhux jaħdem. Il-bar huwa kollu computerized u hekk ried jaħdem il-bar il-ġdid. Safejn kien jaf dan l-imputat din il-persuna ma kentix titħallas.

6. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat ukoll l-istqarrija li għamel Bradley Stephen Graham li qal li kien qed jara kif taħdem is-sistema. Huwa nnega li kien qed iservi xi drink u ċaħad li qatt kien ħadem fil-bar. Huwa kien jirċievi l-flus mill-Ingilterra u kien ilu Malta xi tleit ġimgħat biex jara jsitax jagħmel xi negozju. Huwa kien mar il-Belt filgħodu sabiex iġib work permit. Huwa qal li malli jiftaħ il-bar fil-Waterfront huwa jkollu jmur jaħdem hemm. Huwa ma kien jirċievi xejn talli kien ikun fil-Huggins Bar.

7. PS 538 Mario Ebejer xehed li fl-4 t'Ottubru kienu sabu lil Stephen Bradley jservi d-drinks fil-Huggins Bar ġewwa Paceville. Huwa qalilhom li ma kellux permess jaħdem iżda qal ukoll li kien qiegħed hemm biex jipprattika xi xogħol peress li kien ser jagħmel xi xogħol simili.

8. PC 63 Josef Farrugia xehed li kienu sabu persuna wara l-Bar qegħda tagħmel xi drinks li meta lestiehom poġġiehom fi tray  u waitress Maltija marret sservi l-klijenti.  Stepehn Bradley kien qalilhom li ma kelux work permit u kien hemm hekk ftit żmien u kien qiegħed hemm bix jidra s-sistema.

9. Xehed ukoll Alexander Fenech li qal li Stephen Bradley kien twieled l-Ingilterra fit-12 ta' Mejju 1983.  Fis-6 t'Ottubru 2004 kienet daħlet applikazzjoni sabeix jaħdem bħala Bar Manager ġewwa Huggins.  Il-permess ħareġ fl-10 ta' Diċembru 2004. Kien applika għalih is-sur Raymond Micallef.

10. Mid-dokument JD 1 jidher li Stephen Bradley kien ħadem fuq bażi part time bejn is-7 ta' Frar 2005 u 31 ta' Diċembru 2005 bħala Bar Manager man-Night Owl Limited St.Julian's.

11. Raymond Micallef xehed li Stephen Bradley kien ħabib tagħhom u għadu sallum. Dak iż-żmien kien dieħel f'business magħhom għax kienu ser jiftħu ħanut il-waterfront. It-tifel tax-xhud kien staqsieh jekk setax jieħdu fil-bar ta' Paceville ħalli jara s-sistema tal- cash registers u tal-istocktaking kif taħdem. Huwa ma kienx fil-bar meta marru l-Pulizija. B'dak li ġara ħadha bi kbira u sfratta l-business ukol għax telaq lura.  Huma kienu diġa' għamlu xi deposit għall-business kif jidher  mid-dokument RM. Stephen Bradley kien għadu ma daħalx magħhom u kienu qed juruh is-sistemi. Il-bar kienu jiftħuh f'nofsinnhar u lil ħuh u lill-Ingliż kienu ħaduhom qabel nofs in-nhar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

12. Bħala prova tal-imputazzjonijiet tagħha l-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-imputati ħaddmu persuna ta' nazzjonalita' barranija u li dan sar mingħajr ma taw l-avviż lill-Korporazzjoni skond kif jitlob ir-regoalment 3(a) tal-Avviż Legali 110 tal-1993.

13. Il-Prosekuzzjoni tellgħet il-prova li Stepehn Bradley kien ċittadin Ingliż. (Ara fol.39 Xhieda tal-Principal Officer fid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs).

14. Id-data ta' meta saret l-ispezzjoni kienet wara li Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea għaliex l-ispezzjoni saret fl-4 t'Ottubru 2004. B'danakollu, skond l-artikolu 4A(1)(b) tal-Kap 217 biex ċittadin tal-Unjoni jkun jista' jaħdem Malta xorta jrid jikkonforma ruħu mar-regolamenti li jkun ħareġ il-Ministru responsabbli mill-Immigrazzjoni.

15. Bħala xhieda okulari l-Prosekuzzjoni tellgħet lill-PS 538 Mario Ebejer li qal li Stephen Bradley kien qed iservi xi drinks u lill-PC 63 Josef Farrugia li xehed li kienu sabu xi persuna wara l-bar qegħda tagħmel xi drinks li meta lestiehom poġġiehom ġo tray u waitress Maltija maret isservi lill-klijenti. (Fol.37).

16. Iż-żewġ imputati fl-istqarrijiet innegaw li Stephen Bradley kien qed jaħdem u kien biss qed josserva x'kien qed isir minħabba li hu kien ser jiftaħ bar bi sħab ma' wieħed mill-imputati ġewwa l-Waterfront u kien ser ikun il-bar manager hemm hekk.

17. Il-Prosekuzzjoni esibiet ukoll l-istqarrija ta' Stephen Bradley. Din l-istqarrija ma tistax tintuża kontra l-imputati u dan skond l-artikolu 661 tal-Kap 9. Iżda din l-istqarrija m'hemm xejn li jixħet dawl ikrah fuq l-imputati għaliex dan ċaħad li kien qed jaħdem u nsista li hu kien hemm biex josserva.

**Il-Preskrizzjoni vis a vis Vincent Micallef**

18. Il-Qorti l-ewwel ser teżamina jekk l-imputazzjonijiet vis a vis Vincent Micallef humies preskritti. A fol.46 hemm dikjarazzjoni li l-imputazzjonijiet kontra Vincent Micallef huma preskritti għax 'dam ma kien notifikat'. Skond il-proċes, (fol.20).Vincent Micallef kien preżenti fl-Awla fit-8 ta' Novembru 2006 jiġifieri sentejn, xahar u erbat ijiem wara li kienet saret l-ispezzjoni.

19. Skond l-Avviż Legali 110 tal-1993 il-penali għall-ksur tar-regolament 3(a) huwa ta' multa . Skond l-artikolu 688 (e) il-preskrizzjoni għall-multi hija ta' sentejn. Ma nġabitx prova ta' meta kien notifikat dan l-imputat u għalhekk id-dubju għandu jmur favuru. Għalhekk il-Qorti qed tiddikjara li t-tieni imputazzjoni vis a vis l-imputat Vincent Micallef hija preskritta.

20. L-ewwel imputazzjoni, jekk ippruvata, iġġorr piena ta' multa jew ta' priġunerija għal mhux aktar minn sentejn. Li kieku din l-imputazzjoni kienet iġġorr piena ta' multa biss, isegwi, minn dak li ntqal fil-paragrafu preċedenti, li l-imputazzjoni kienet tkun preskritta preskritta **IŻDA** minħabba li l-piena alternattiva ta' priġunerija hija ta' sentejn, skond l-artikolu 688 (d) tal-Kap 9 l-preskrizzjoni hija ta' ħames snin. Għaldaqstant, minħabba din il-piena alternattiva, din l-ewwel imputazzjoni mhix preskritta vis a vis Vincent Micallef.

**Il-Mertu**

21. Tassew li żewġ xhieda tal-Prosekuzzjoni raw lil Stephen Bradley kienet qed tagħmel xi drinks u għalhekk din il-persuna barranija dehret li kienet qed tagħmel xi forma ta' xogħol. Iżda l-imputati baqgħu jinsistu, wieħed minnhom Raymond Micallef, saħanistra minn fuq il-pedana tax-xhieda, li effettivament Stephen Bradley kien qiegħed josserva s-sistema taħdem qabel l-istess Bradley jibda jħaddem l-istess sistema fil-Waterfront. Intqal ukoll li ma kinitx qed tinħareġ paga lil Stephen Bradley għalkemm il-ħruġ ta' paga mhux element essenzjali bħala prova li wieħed ikun qed jaħdem. Jista' jagħti l-każ li wieħed qiegħed 'jitħallas' mod ieħor – ikel b'xejn.

22. Madankollu meta wiżnet ix-xhieda kollha l-Qorti baqagħlha dak il-lurking doubt dwar jekk il-Prosekuzzjoni ippruvatx iż-żewġ imputazzjonijiet vis a vis Raymond Micallef u l-ewwel imptazzjoni vis a vis Vince Micallef. Fil-fehma tal-Qorti l-imputati rnexxielhom jippruvaw id-difiża tagħhom fuq bażi ta' probabilita'.

**Konklużjoni.**

23. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 688 tal-Kap 9, l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217 u r-regolamenti 3(a) u 10 tal-Avviż Legali 110 tal-1993 qed tillibera lil Raymond Micallef miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih waqt li fil-konfront ta' Vincent Micallef qed tiddeċiedi hekk: (a) qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni; (b) qed tiddikjara li t-tieni imputazzjoni hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-artikolu 688(e) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------